

32001F0888

14.12.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 329/3

ID-DEĊIŻJONI KWADRU TAL-KUNSILL**tas-6 ta' Diċembru 2001****li temenda d-Deċiżjoni Kwadru 2000/383/JHA dwar l-protezzjoni li qed tikber minn penali krimini u sanzjonijiet oħra kontra l-falsifikazzjoni dwar l-introduzzjoni tal-euro**

(2001/888/JHA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(e) u l-Artikolu 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Renju ta' l-Isvezja ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Kunsill adotta fid-29 ta' Mejju 2000 id-Deċiżjoni Kwadru 2000/383/JHA dwar l-protezzjoni li qed tikber minn penali krimini u sanzjonijiet oħra kontra l-falsifikazzjoni dwar l-introduzzjoni tal-euro ⁽²⁾.
- (2) Il-miżuri tad-Deċiżjoni Kwadru 2000/383/JHA għandhom ikunu supplimentati minn dispożizzjoni dwar ir-rikonoxximent ta' kundanni ta' qabel dwar l-offiżi riferuti f'dik id-Deċiżjoni Kwadru,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI KWADRU:

Artikolu 1

L-Artikolu li ġejjin għandu jiddaħħal wara l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Kwadru 2000/383/JHA:

*"L-Artikolu 9a***Rikonoxximent ta' kundanni ta' qabel**

Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-prinċipju tar-rikonoxximent tal-kundanni ta' qabel taħt

il-kondizzjonijiet fis-seħħ taħt il-liġi domestika tiegħu u, taħt dawk l-istess kondizzjonijiet, għandu jirrikonoxxi bil-għan li jstabilixxi s-sentenzi abitwali finali tal-kriminalità li jingħataw fi Stat Membru ieħor għall-offiżi riferuti fl-Artikoli 3 sa 5 ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, jew l-offiżi riferuti fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, tkun xi tkun il-munita ffalsifikata."

*Artikolu 2***Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iħarsu din id-Deċiżjoni Kwadru sal-31 ta' Diċembru 2002.
2. Sal-31 ta' Diċembru 2002, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew it-test tad-dispożizzjonijiet li jgħorru fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom taħt din id-Deċiżjoni Kwadru.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Diċembru 2001.

*F'isem il-Kunsill**Il-President*

M. VERWILGHEN

⁽¹⁾ ĠU C 225, ta' l-10.8.2001, p. 9.⁽²⁾ ĠU L 140, ta' l-14.6.2000, p. 1.